Dokument 3I
Health Comm
Mtg 63
03/06/2015

# L-Eta' tal-Kunsens

## X'Nifhmu b'Kunsens?

Biex tagħti kunsens hemm bżonn li:

- Tkun taf x'inhu tajjeb għalik u għall-oħrajn;
- Tixtieq tagħmel dak li hu tajjeb għalik u għall-oħrajn;
- Tkun taf il-konsegwenzi ta' dik l-azzjoni.

## Il-Minuri Kapaċi Jagħtu Kunsens?

Skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal:

Stati Partijiet għandhom jassiguraw lit-tfal li jkunu jafu jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom id-dritt li jesprimu dawk l-opinjonijiet b'mod ħieles f'kull ħaġa li tolqot lit-tfal u illi l-opinjonijiet tat-tfal jingħataw il-piż mistħoqq skont l-età u l-maturita` tat-tfal.

(UNCRC, Artiklu 12(1))

## Il-Minuri Kapaċi Jagħtu Kunsens? (2)

Stati Partijiet jaqblu li l-edukazzjoni għandha tħares lejn: (d) it-tħejjija tat-tfal għal ħajja responsabbli f'soċjeta' ħielsa...

(UNCRC, Article 29(d))

Il-Maturità hija r-riżultat ta' numru ta' fatturi flimkien – fatturi naturali bħal ma hija l-età u fatturi oħra bħall-edukazzjoni u t-trobbija. Il-maturita' hija proċess.

## Il-Minuri Kapaċi Jagħtu Kunsens? (3)

Legalment, minuri ta' 16-il sena, jistgħu jagħtu kunsens għal numru ta' affarijiet mingħajr il-kunsens tal-ġenituri:

1. Jieqfu mill-iskola.
2. Jfittxu x-xogħol u jaħdmu.
3. Jiftħu kont tal-bank.
4. Jagħmlu testment.

Ta' sbatax il-sena jistgħu jixorbu l-alkoħol

## Il-Minuri Kapaċi Jagħtu Kunsens għall-Attivita' Sesswali?

L-Attivita' sesswali hija komponent importanti fil-ħajja u l-benesseri tal-bniedem speċjalment meta din issir fl-ambitu ta' relazzjoni stabbli.

L-Attivita' sesswali m'għandniex inħarsu lejha mil-lat negattiv ta' tqala mhux mistennija u mard trasmess sesswalment.

## Rakkomandazzjonijiet

L-edukazzjoni hija l-aqwa għodda biex persuna tagħmel għażliet infurmati.

➢ L-edukazzjoni sesswali u dwar relazzjonijiet għandha tkun tassattiva.

➢ Dan għandu jseħħ f'kull livel u f'kull tip ta' istituzzjoni edukattiva li tkopri l-livell primarju, sekondarju u post sekondarju.

## Rakkomandazzjonijiet (2)

Il-liġi għandha tipproteġi l-minuri u mhux tinkriminhom.

➢ Meta l-attivita' sesswali issir bejn il-minuri din għandha tiġi dikriminalizzata.

➢Din m'għandhiex tapplika fejn ikun hemm esplojtazzjoni bħall-pornografija anke jekk issir minn minuri u apparentament b'kunsens.

➢ Minuri li jkunu attivi sesswalment għandhom jingħataw dak l-appoġġ neċessarju biex jiġu mgħejjuna fl-għazliet tagħhom.

## Rakkomandazzjonijiet (3)

- Attivita' sesswali bejn minuri u adulti għandha tibqa' offiża kriminali fejn il-minuri huma l-vittma.

- Il-possibiltà li jiġu ntrodotti l-*age banding* u l-*age exemptions* għandna narawha b'mod kawt, minħabba li f'ċert etajiet id-differenza fil-maturità hija ħafna akbar mid-differenza fl-età.

## Rakkomandazzjonijiet (4)

Fil-qasam tas-saħħa:

- il-minuri għandhom jingħataw id-dritt li jfittxu pariri u trattament mediku mingħajr il-permess tal-ġenituri tagħhom, naturalment skont il-maturità tagħhom. Dan għandu jseħħ, speċjalment fil-qasam tas-saħħa sesswali għax il-ħtieġa ta' dan il-permess jista' jżommhom lura milli jaċċessaw dik l-informazzjoni/ pariri/ trattament li jkollhom bżonn.

Importanti li nisimgħu liż-żgħażagħ infushom x'għandhom xi jgħidu dwar dan is-suġġett.



Grazzi